Australian Government

Services Australia

# Australian Pension News

Ħarġa 48

## L-arranġament li għandek ta' persuna li titkellem f'ismek ma' Centrelink għadu jaħdem sew għalik?

Jista’ jkun li għandek persuna jew organizazzjoni li titratta ma’ Centrelink f’ismek. Din forsi hi xi ħaġa li għamilt ħafna żmien ilu. Tista’ tara l-arranġament tal-persuna nominata onlajn. Tista’ wkoll tispiċċa l-arranġament tal-persuna nominata fi kwalunkwe ħin onlajn jew billi ċċemplilna.

Hemm 2 tipi ta’ arranġamenti għal persuna nominata li jista’ jkun li għandek:

- persuna nominata għall-pagament li tirċievi il-pagamenti tiegħek ta’ Centrelink għalik
- persuna nominata għall-korrispondenza li taġixxi f’ismek.

Jista’ jkun li għandek iż-żewġ tipi ta’ arranġamenti għal persuna nominata.

Il-persuna nominata għall-pagament tiegħek għandha:

- tuża l-pagamenti ta’ Centrelink għal benefiċċju tiegħek biss
- iżżomm rekords ta’ kif qed jonfqu l-flus

Il-persuna nominata għall-korrispondenza tiegħek tista’:

- issaqsina mistoqsijiet dwar il-pagamenti u s-servizzi tiegħek
- tgħidilna dwar bidliet fiċ-ċirkostanzi tiegħek
- tirrispondi għal talbiet għal informazzjoni
- tattendi appuntamenti f’ismek, jekk dan hu xieraq
- timla u tiffirma formoli u dikjarazzjonijiet
- tirċievi kopji tal-ittri tiegħek
- tara u taġġorna l-informazzjoni tiegħek onlajn
- titlob pagamenti u servizzi għalik.

Meta kellek xi bidla fiċ-ċirkostanzi, għandek tikkunsidra jekk għadx għandek il-livell tajjeb ta’ sapport. Aħna noffru tipi differenti ta’ arranġamenti li forsi huma addattati aħjar għalik.

Tista’ tkellimna jekk tħoss li l-persuna nominata mhux qed taġixxi fl-aħjar interess tiegħek.

> Jekk trid tikkanċella l-arranġament għall-persuna nominata ta’ Centrelink, tista’ tagħmel dan fi kwalunkwe ħin onlajn jew billi ċċemplilna. Żur **servicesaustralia.gov.au/nominee**

## Proof of Life Certificate (Ċertifikat li Jipprova li Inti Għadek Ħaj)

Jekk għandek aktar minn 80 sena u tgħix barra l-Awstralja, jista’ jkun li tkun meħtieġ li timla Proof of Life Certificate (Ċertifikat li Jipprova li Inti Għadek Ħaj) biex tkompli tirċievi l-pagament Awstraljan.

Meta tirċievi ċ-ċertifikat, għandek:

- timlih
- tmur għand persuna awtorizzata biex jiġi ffirmat
- tirritornalna ċ-ċertifikat bil-posta qabel l-għeluq tad-data.

Jekk ma tagħmilx dan, il-pagament Awstraljan tiegħek jista’ jieqaf.

Għidilna jekk ma tistax tirritorna ċ-ċertifikat sakemm jagħlaq iż-żmien sabiex il-pagament tiegħek ikun jista’ jkompli. Imbagħad aħna ser nibagħtulek ittra b’data tal-għeluq ġdida biex intuk aktar ħin biex timlih.

Persuna awtorizzata tista’ tkun waħda minn dawn li ġejjin:

- avukat, prokuratur, barrister ta’ qorti
- nutar pubbliku
- uffiċjal ta’ Ambaxxata, Konsolat jew Kummissjoni Għolja Awstraljana
- prattikant mediku jew tabib
- pulizija
- imħallef, maġistrat ta’ qorti
- justice of the peace
- reġistratur jew deputat reġistratur tal-qorti

Jekk jogħġbok kun avżat li dawn il-persuni li ġejjin m’humiex awtorizzati li jiffirmaw il-formola:

- uffiċjal tal-muniċipalità lokali
- impjegat tal-awtorità lokali tal-pensjoni.



# Tagħrif dwar il-pagamenti tiegħek

Int ser tirċievi 13-il-pagament regolari kull 4 erba' ġimgħat kull sena.

| Kalendarju tal-pagamenti tal-pensjoni kull 4 ġimgħat – Novembru 2023 sa Diċembru 2024 | | | |
|---|---|---|---|
| **Data meta ser noħorġu l-pagament tiegħek** | **Klijenti fejn il-pagament tagħhom ser ikun depożitat dirett fil-bank tagħhom għandhomjirċievu l-pagament sal-** | **Klijenti li jitħallsu biċ-ċekkgħandhomjirċievu l-pagament sa** | **Il-pagament ikopri l-perjodu** |
| 16 ta' Novembru 2023 | 22 ta' Novembru 2023 | 6 ta' Diċembru 2023 | mill-19 t'Ottubru sas-15 ta' Novembru 2023 |
| 14 ta' Diċembru 2023 | 20 ta' Diċembru 2023 | 3 ta' Jannar 2024 | mis-16 ta' Novembru sal-13 ta' Diċembru 2023 |
| 11 ta' Jannar 2024 | 17 ta' Jannar 2024 | 31 ta' Jannar 2024 | mill-14 ta' Diċembru 2023 sal-10 ta' Jannar 2024 |
| 8 ta' Frar 2024 | 14 ta' Frar 2024 | 28 ta' Frar 2024 | mit-11 ta' Jannar sat-7 ta' Frar 2024 |
| 7 ta' Marzu 2024 | 13 ta' Marzu 2024 | 27 ta' Marzu 2024 | mill-8 ta' Frar sad-6 ta' Marzu 2024 |
| 4 t'April 2024 | 10 t'April 2024 | 24 t'April 2024 | mill-7 ta' Marzu sas-3 t'April 2024 |
| 2 ta' Mejju 2024 | 8 ta' Mejju 2024 | 22 ta' Mejju 2024 | mis-4 t'April sal-1 ta' Mejju 2024 |
| 30 ta' Mejju 2024 | 5 ta' Ġunju 2024 | 19 ta' Ġunju 2024 | mit-2 ta' Mejju sad-29 ta' Mejju 2024 |
| 27 ta' Ġunju 2024 | 3 ta' Lulju 2024 | 17 ta' Lulju 2024 | mill-30 ta' Mejju sal-26 ta' Ġunju 2024 |
| 25 ta' Lulju 2024 | 31 ta' Lulju 2024 | 14 t'Awwissu 2024 | mit-27 ta' Ġunju sas-24 ta' Lulju 2024 |
| 22 t'Awwissu 2024 | 28 t'Awwissu 2024 | 11 ta' Settembru 2024 | mit-25 ta' Lulju sal-21 t'Awwissu 2024 |
| 19 ta' Settembru 2024 | 25 ta' Settembru 2024 | 9 t'Ottubru 2024 | 22 t'Awwissu sal-18 ta' Settembru 2024 |
| 17 t'Ottubru 2024 | 23 t'Ottubru 2024 | 6 ta' Novembru 2024 | mit-19 ta' Settembru sad-16 t'Ottubru 2024 |
| 14 ta' Novembru 2024 | 20 ta' Novembru 2024 | 4 ta' Diċembru 2024 | mill-17 t'Ottubru sas-13 ta' Novembru 2024 |
| 12 ta' Diċembru 2024 | 18 ta' Diċembru 2024 | 1 ta' Jannar 2025 | mis-14 ta' Novembru sal-11 ta' Diċembru 2024 |

*It-tqassim taċ-ċekkijiet jista' jkun aktar tard minn dawn id-dati minħabba dewmien bil-posta.

## Pagament ta' depożitu dirett fil-kont tal-bank

Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi aħna nħallsu l-pensjonijiet direttament fil-kontijiet bankarji. Aħna nħeġġukom li tużaw dan il-metodu ta' pagamenti għax hu sigur, ta' malajr u ta' min jorbot fuqu.

Jekk int tirċievi l-pagament tiegħek b'mod li jiġi ddeppożitat direttament fil-kont tiegħek tal-bank dan ser ikun hemm fi żmien minn 2 sa 6 ġranet wara li jinħareġ. Vaganza pubblika fil-pajjiż tiegħek tista' iddewwmek milli tirċievi l-pagament tiegħek. Jekk il-pagament tiegħek ma wasalx fi żmien 10t'ijiem minn meta ħareġ, iċċekkja mal-bank lokali tiegħek qabel ma tikkuntattjana.

## International Services id-dati meta jkun magħluqa

| Is-Servizzi Internazzjonali ser ikun magħluqin fil-: | |
|---|---|
| Vaganza Pubblika ta' Jum il-Milied | 25 ta' Diċembru 2023 |
| Vaganza pubblika ta' Boxing Day | 26 ta' Diċembru 2023 |
| Vaganza pubblika tas-Servizz Pubbliku | 27 ta' Diċembru 2023 |
| Vaganza pubblika tal-Ewwel tas-Sena | 1 ta' Jannar 2024 |
| Vaganza pubblika ta' Jum l-Awstralja | 26 ta' Jannar 2024 |
| Vaganza pubblika tal-Ġimgħa l-Kbira | 29 ta' Marzu 2024 |
| Vaganza pubblika tat-Tnejn ta' wara l-Għid | 1 t'April 2024 |
| Vaganza pubblika ta' Anzac Day | 25 t'April 2024 |

# Ir-Rati

Ir-rati tal-pensjoni u l-limiti stipulati ta' barra l-Awstralja jerġgħu jiġi assessjati f'Jannar, Marzu, Lulju u Settembru kull sena.

# Rati u limiti stipulati

Dawn iċ-ċifri f'dollaru Awstraljan (A$) huma biss gwida u huma effettivi mill-20 ta' Settembru 2023 għajr jingħad mod ieħor.

| Rati tal-pensjoni u limiti stipulati barra l-Awstralja | PERSUNA WAĦEDHA | KOPPJAit-tnejn eliġibbli | KOPPJAsieħeb/ sieħba wieħed biss eliġibbli | KOPPJA separata minħabba l-mard |
|---|---|---|---|---|
| **Kemm pensjoni [1, 2, 3, 4]** | **Kull sena** | **Kull sena** | **Kull sena** | **Kull sena kull wieħed/waħda** |
| Rata bażika massima | A$26,065.00 | A$39,296.40 | A$19,648.20 | A$26,065.00 |
| Pension Supplement Bażiku | A$722.80 | A$1,190.80 | A$595.40 | A$722.80 |
| **Total** | **A$26,787.80** | **A$40,487.20** | **A$20,243.60** | **A$26,787.80** |
| **Dħul Permissibbli [4]** | **Kull sena** | **Flimkien** | **Flimkien** | **Flimkien** |
| Pensjoni Sħiħa | sa A$5,304.00 | sa A$9,360.00 | sa A$9,360.00 | sa A$9,360.00 |
| Pensjoni parzjali | Anqas minn A$58,879.60 | Anqas minn A$90,334.40 | Anqas minn A$90,334.40 | Anqas minn A$116,511.20 |
| **Assi Permissibbli [5]** | **Persuna Waħidha** | **Flimkien** | **Flimkien** | **Flimkien** |
| Pensjoni sħiħa – Sid id-Dar | A$301,750 | A$451,500 | A$451,500 | A$451,500 |
| Pensjoni sħiħa — Mhux sid-dar | A$543,750 | A$693,500 | A$693,500 | A$693,500 |
| Pensjoni parzjali – Sid id-Dar | Anqas minn A$645,250 | Anqas minn A$971,000 | Anqas minn A$971,000 | Anqas minn A$1,138,500 |
| Pensjoni parzjali — Mhux sid id-dar | Anqas minn A$887,250 | Anqas minn A$1,213,000 | Anqas minn A$1,213,000 | Anqas minn A$1,380,500 |
| **Rati kkalkulati u limiti stipulati** | **Persuna Waħidha** | **Flimkien** | **Flimkien** | **Flimkien** |
| Limiti stipulati | A$60,400 | A$100,200 | A$100,200 | A$100,200 |
| Rata taħt il-limitu stipulat | 0.25% | 0.25% | 0.25% | 0.25% |
| Rata 'l fuq mill-limitu stipulat | 2.25% | 2.25% | 2.25% | 2.25% |

Dawn ir-rati japplikaw għall-klijenti li huma permanentement barra l-Awstralja jew neqsin mill-Awstralja għal aktar minn 6 ġimgħat.

1. Aħna naħdmu r-rata tal-pagament skont it-testijiet tad-dħul u tal-assi. Aħna napplikaw it-test li jirriżulta fir-rata aktar baxxa jew ir-rata żero. Xi assi huma meqjusa li qed jaqilgħu d-dħul u hemm regoli speċjali għal tipi oħra ta' dħul. Jekk inti għama permanenti m'hemm l-ebda test tad-dħul jew tal-assi.
2. Xi klijenti għandhom mnejn jirċievu rata mnaqqsa tal-pensjoni bbażata fuq kemm kienu ilhom residenti Awstraljani.
3. Xi klijenti għandhom mnejn jirċievu rata tranżitorja ta' pensjoni ibbażata fuq ir-regoli tat-test tad-dħul ta' qabel l-20 ta' Settembru 2009. Għal dawn il-klijenti, aħna nikkomparaw ir-rata tranżitorja mar-rata kurrenti. Jekk ir-rata kurrenti hija l-istess jew ogħla minflok ser inħallsuk ir-rata kurrenti. Ladarba tirċievi r-rata kurrenti ma tistax tmur lura għar-rata tranżitorja.
4. Klijenti jistgħu jirċievu rata ogħla tad-Disability Support Pension (il-Pensjoni tad-Diżabilità) jekk għandhom anqas minn 21 sena u m'għandhomx tfal zur **servicesaustralia.gov.au/dsp**
5. Dħul ta' anqas minn A$204 kull ħmistax għal persuna waħedha u A$360 kull ħmistax għal koppja flimkien mhux ser jaffettwa r-rata tal-pensjoni. Dan jissejjaħ livell ta' qligħ eżentat. Għal kull dollaru aktar mill-livell ta' qligħ eżentat, aħna nnaqqsu r-rati b'A$0.50 għall-persuni waħidhom u A$0.25c kull wieħed għall-koppji. Il- livell ta' qligħ eżentat japplika wara kwalunkwe ammonti tal-Work Bonus. Għal aktar informazzjoni, żur **servicesaustralia.gov.au/income**
6. Il-Work Bonus jgħin klijenti eliġibbli biex jaqalgħu aktar flus mix-xogħol mingħajr ma jnaqqsu l-pensjoni tagħhom. Għal aktar informazzjoni, żur **servicesaustralia.gov.au/work-bonus**. Il-Work Bonus ma japplikax għar-rata tranżitorja tal-pensjoni.
7. Klijenti jista' jkollhom assi sa ċertu ammont mingħajr ma jaffettwawlhom il-pensjoni tagħhom. Dan jissejjaħ livell ta' assi eżentat. Hemm diversi livelli ta' assi eżentati li japplikaw skont l-istat tar-relazzjoni tal-klijent u jekk humiex sidien ta' darhom. Ara l-websajt tagħna għal lista sħiħa tal-livelli ta' assi eżentati. Għal kull A$1,000 ta' assi addizzjonali aktar mill-livell ta' assi eżentati, aħna nnaqqsu r-rati b'A$3 kull ħmistax għall-persuni waħedhom u A$1.50 kull ħmistax kull wieħed għall-koppji. Aħna ma ninkludux ċerti assi fit-test tal-assi. Għal aktar informazzjoni, żur **servicesaustralia.gov.au/assets**

## Ir-rati Internazzjonali tal-kambju jistgħu jinkisbu onlajn

Aħna naħdmu l-ammont tal-pagament li tirċievi billi nużaw it-test tad-dħul u tal-assi. Jekk għandek assi fi , jew qed tirċievi dħul minn pajjiż ieħor, aħna ser ikollna bżonn naħdmu l-valur tagħhom f'dollari Awstraljani Biex nagħmlu dan ser nużaw rati tal-kambju. Aħna nippubblikaw it-tagħrif tar-rata tal-kambju fuq il-websajt tagħna.

> Biex tiċċekkja r-rati tal-kambju mur f' **servicesaustralia.gov.au/international**

## Żomm ruħek aġġornat dwar ir-rati u d-dati tal-pagament tal-pensjoni li huma l-aktar riċenti

Għall-aħħar informazzjoni dwar ir-rati tal-pensjoni u d-dati tal-pagament barra mill-Awstralja, żur **servicesaustralia.gov.au** u fittex għall- **payment rates outside Australia (rati tal-pagament barra mill-Awstralja)**. Aħna naġġornaw ir-rati tal-pensjoni, u l-limiti stipulati tad-dħul u tal-assi fuq il-websajt tagħna hekk kif jinbidlu.

> Din in-newsletter tinsab ukoll fil-websajt tagħna **servicesaustralia.gov.au/customer/publications/int001**

**Ċaħda:** il-Commonwealth of Australia ipprova jara li t-tagħrif f'din il-pubblikazzjoni hu preċiż. Madankollu l-Commonwealth ma jiggarntixxix li t-tagħrif hu preċiż jew sħiħ lanqas mhu obbligat li jagħmel tajjeb għal xi telf li sofriet xi persuna għax qagħdet b'xi mod fuqu. Int għandek tikkuntattja lil Australian Government Services Australia għad-dettalji kollha dwar xi intitulamenti u servizzi li għandek mnejn tkun eliġibbli għalihom u kif kwalunkwe tibdil pendenti fil-leġiżlazzjoni, programmi jew servizzi jistgħu jolqtuk.

## Kif tikkuntattjana

Mur f'**servicesaustralia.gov.au** biex issib aktar tagħrif dwar il-pagament tiegħek kif ukoll dwar il-pagamenti u s-servizzi l-oħra tagħna.

Ċemplilna mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bejn it-8am sal-5pm ħin ta' Hobart.

Ċempel in-numru muri mingħajr kwalunkwe kodiċi internazzjonali jew tal-pajjiż qablu.

| | |
|---|---|
| Awstrija | **0800 295 165** |
| Kanada | **1888 2557 493** |
| Ċina (tat-Tramuntana)* | **10 800 6100 427** |
| Ċina (ta' Nofsinhar)* | **10 800 2611 309** |
| Danimarka | **8088 3556** |
| Ġermanja | **0800 180 2482** |
| Greċja | **0080 0611 26209** |
| Indja | **000 800 61 01098** |
| Indoneżja | **001 803 61 035** |
| Irlanda | **1800 200 333** |
| Italja | **800 781 977** |
| Repubblika tal-Korea | **003 081 32326** |
| Olanda | **0800 0224 364** |
| New Zealand | **0800 441 248** |
| Filippini | **1800 1611 0046** |
| Polonja | **00 800 6111 220** |
| Portugall | **800 861 122** |
| Singapore | **800 6167 015** |
| Spanja | **900 951 547** |
| Tajlandja | **001 800 611 4136** |
| Turkija | **00 800 6190 5703** |
| Emirati Għarab Magħquda | **800 061 04319** |
| Renju Unit | **0800 169 5865** |
| Stati Uniti tal-Amerka | **1866 3433 086** |

* Iċ-Ċina (tat-Tramuntana) tinkludi l-provinċji ta' Beijing, Tianjin, Hebei, Shanxi, il-Mongolja ta' Ġewwa, Heilongjiang, Liaoning, Jilin, Shandong u Henan. Aħna nqisu li l-provinċji l-oħra bħala Ċina (tan-Nofsinhar) għal din il-fini.

Jekk inti tinsab f'pajjiż li mhux fil-lista, jekk jogħġbok ikkuntattjana fuq **+61 3 6222 3455**.

Tista' tiffakksjana fuq **+61 3 6222 2799,** jew iktbilna f':

**International Services**
**PO Box 7809**
**Canberra BC ACT 2610**
**Australia**

Jekk jogħġbok inkludi ismek, is-Centrelink Customer Reference Number (in-Numru tar-Referenza tal-Klijent ta' Centrelink) u n-numru tiegħek tat-telefon mal-mistoqsija tiegħek.

INT001MT.2310_Maltese